**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 1117/2014 AF**

**Dr. Milad Gahwagi (Passaport Libjan Nru. 465109)**

**vs**

**Cherubino Limited (C-3677)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Dr. Milad Gahwagi, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Frar 2012 (kopja annessa u mmarkata "Dok. MG1) giet regolata ir-relazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward ta' bejgh, da parti tas-socjetà konvenuta, ta' certu prodotti farmacewtici lill-*Medical Supply Organisation* (MSO) ta' Benghazi, il-Libja, liema negozju sar possibbli bi sforzi tar-rikorrent.

Permezz ta' kuntratt iehor, ukoll datat 22 ta' Frar 2012 (kopja annessa u mmarkata "Dok. MG2") giet regolata ir-relazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward ta' bejgh, da parti tas-socjetà konvenuta, ta' certu prodotti farmacewtici ohra kemm lill-MSO kif ukoll fis-suq privat Libjan, liena negozju sar possibbli bi sforzi tar-rikorrent.

Permezz tal-imsemmija kuntratti, s-socjetà konvenuta intrabtet li thallas lir-rikorrent percentwal mill-valur ta' kull fattura li tirrigwarda l-prodotti hemm imsemmija, u dan skond it-termini u taht il-kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratti.

L-imsemmija kuntratti jistipulaw b'mod car meta jsir dovut il-hlas lir-rikorrent, ossia tletin (30) jum mid-data li fiha s-socjetà konvenuta tircievi l-hlas ghal kull kunsinna li taqa' taht l-iskop tal-kuntratti.

Is-socjetà konvenuta issuplixxiet diversi kunsinni ta' prodotti li jaqghu fl-iskop tal-istess kuntratti, ta' liema kunsinni hija thallset kif ser jigi ppruvat waqt il-procediment tal-kawza.

Fis-sena 2012, is-socjetà konvenuta fil-fatt ghamlet numru ta' pagamenti kontra fatturi mahruga mir-rikorrent in ezekuzzjoni tal-imsemmija kuntratti kif jirrizulta mill-kopji ta' fatturi, *cheque images* u korrispondenza relatata hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. MG3".

Sussegwentement u minghajr raguni valida fil-ligi, s-socjetà konvenuta waqfet taghmel dawn il-pagamenti minkejja li kompliet taghmel negozju li jaqa' fl-iskop tal-kuntratti u minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas da parti tar-rikorrent, inkluz zewg ittri ufficcjali, ossia l-ittra ufficcjali Nru. 3721/13 datata 3 ta' Dicembru 2013; u l-ittra ufficcjali Nru. 2879/14 datata 3 ta' Ottubru 2014 (kopji legali annessi u mmarkati "Dok. MG4" u "Dok. MG5" rispettivament).

Ir-rikorrenti llum huwa kreditur tas-socjetà konvenuta fl-ammont ta' mitejn u tlieta u erbghin elf, disa' mija u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€243,950.45), rapprezentanti kommissjoni dovuta lilu skond il-kuntratti datati 2 ta' Frar 2012, u dan rifless fil-fatturi mhux imhallsa hawn annessi ("Dok. MG6") u kif jigi pruvat fid-dettal waqt il-procediment tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrent huwa kreditur tas-socjetà konvenuta fl-ammont ta' mitejn u tlieta u erbghin elf, disa' mija u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€243,950.45), u

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas l-ammont ta' mitejn u tlieta u erbghin elf, disa' mija u hamsin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€243,950.45) lir-rikorrent.

Dan taht dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti joghgboha timponi.

Bl-interessi legali u l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali 3721/13 u 2879/14 u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, kontra s-socjetà konvenuta.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata Cherubino Limited, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament jinghad illi peress li r-rikorrenti huwa persuna ta' nazzjonalità Libjana u mhux residenti jew prezenti hawn Malta, allura mankanti l-htiega fil-ligi ta' rapprezentanza fizika gewwa Malta jew minn persuna Maltija.

Minkejja illi r-rikorrent Dr. Milad Gahwagi intalab kemm il-darba u dan in risposta tal-ittri ufficjali mibghuta minnu sabiex jikkonferma effettivament x'wettaq in ezekuzzjoni u f'inkarigu tieghu bhala "Marketing Manager" huwa baqa' inadempjenti u ghadu s'issa ma tax din l-ispjegazzjoni. Kopja ta' dawn ir-risposti qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. CL1 u Dok. CL2.

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta intimata u dan meta:

a. L-istess Dr. Gahwagi qieghed jaghmel talba ghall-ammont dovut liema ammont jidher rifless biss minn fatturi illi hareg huwa stess, liema fatturi jaghmlu referenza ghal medicinali izda ma jaghmlu l-ebda referenza ghal tender u/jew ordnijiet precedenti, xoghol jew spejjez imwettaq jew relatati mal-istess, jew imqar jipproduci l-invoices imsemmija minnu stess fl-istess fatturi, u ghalhekk mhux qed juri kif, minn fejn u ghalfejn l-ammont mitlub huwa dovut.

b. Di più u minghajr pregudizzju ghal premess r-rikorrent kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratti datati 22 ta' Frar 2011 imsemmija u prodotti mir-rikorrent innifsu meta minn tal-anqas f'okkazjoni wahda naqas milli jesplika u jwettaq l-obbligu tieghu principali illi jahdem fl-aqwa interess tal-kumpannija Cherubino hawnhekk intimata u sahansitra ghallinqas f'okkazjoni wahda ohra mhux talli ma hadimx fl-aqwa interess tal-kumpannija izda hadem kontra l-interess tal-kumpannija biex fiz-zewg istanzi minn tal-inqas, u possibilment f'ohrajn wassal biex il-kumpannija intimata

tilfet il-bejgh illi jammonta ghal valur ferm izjed u dan kif ser jigu ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

B'riserva minn issa ghal kwalunkwe eccezzjoni preliminari jew fil-mertu li jirrizulta necessarja fil-mument illi dak mitlub u riferut fit-tieni eccezzjoni eventwalment jigi kkonstatat.

Ghalhekk, is-socjetà Cherubino Limited tiddikjara illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut minhabba dak kollu hawn fuq imsemmi u dak li se jigi ulterjorment pprovat fil-kawza, u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti kollha bl-ispejjez kontra tieghu.

Ulterjorment, b'riserva minn issa illi jigi ddikjarat illi l-kuntratti datati 22 ta' Frar 2011 bejn il-partijiet jigu terminati u bla aktar effett u/jew obbligi bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2015 il-Qorti ġiet infurmata li l-Avukat Clayton Fenech ġie maħtur bħala mandatarju speċjali in rappreżentanza tar-rikorrenti.

Rat ukoll illi fl-istess seduta s-soċjetà intimata ddikjarat illi kienet qegħda tirtira l-ewwel eċċezzjoni tagħha.

Rat li l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta biex tkompli tinstema'.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qiegħed jitlob il-Qorti tiddikjarah kreditur tas-soċjetà intimata għas-somma ta' €243,950.45 u konsegwentement tordna lis-soċjetà intimata tħallsu s-somma fl-intier inkluż l-ispejjeż u l-imgħax legali.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija naxxenti minn żewġ kuntratti, it-tnejn datati 22 ta' Frar 2012 permezz ta' liema s-soċjetà intimata ntrabtet li tħallas lir-rikorrenti perċentwal in korrispettiv għall-isforzi tiegħu fil-bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi lil Ministeru tas-Saħħa f'Benghazi u fis-suq privat Libjan. Il-ħlas lir-rikorrenti kellu jsir skont it-termini u kondizzjonijiet kif pattwiti fil-kuntratti li kopja tagħhom tinsab esebita in atti.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti rċieva numru ta' pagamenti in konsiderazzjoni tar-rwol tiegħu fil-bejgħ tal-prodotti. Jirriżulta wkoll illi f'daqqa waħda l-pagamenti lir-rikorrenti waqfu. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi l-pagamenti waqqfithom għaliex, ir-rikorrenti ma kienx qiegħed jagħmel xogħolu sewwa, addirittura tinsisti tallega li ħadem sabiex ħarbat in-negozju tagħha fil-Libja bil-konsegwenza li s-soċjetà intimata ġarrbet telf ammontanti għas-somma ta' €2,825,000. Eċċepiet għalhekk illi l-ħlas pretiż mir-rikorrenti mhwiex dovut u li l-kuntratti tat-22 ta' Frar 2012 huma mingħajr effett u għandhom jiġu terminati.

Mill-provi jirriżulta li s-soċjetà intimata kienet ilha 25 sena topera fis-suq Libjan relattiv għall-bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi. Madanakollu, ir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata xehdu li in vista tal-kisba tat-tender 17 għall-provvista ta' prodotti farmaċewtici lil Ministeru tas-Saħħa f'Benghazi, hija kellha bzonn ta' aġent li jkun preżenti fuq il-post. Dan ir-rwol ġie kopert mir-rikorrenti, tabib bi professjoni li beda jaħdem ukoll fis-settur tal-provvista ta' prodotti farmaċewtiċi. In korrispettiv għax-xogħol tiegħu ir-rikorrenti kellu jirċievi perċentwal f'kummissjonijiet. Jidher li kollox mexa ħarir għal perjodu ta' żmien bir-rikorrenti jitħallas l-ammonti minnu fatturati.

Ir-rappreżentanti tas-soċjetà intimata xehdu li waqqfu l-pagamenti favur ir-rikorrenti għaliex huwa ried ibiddel it-termini u kondizzjonijiet relattivi għal dak dovut lilu. Issoktaw jgħidu wkoll li r-rikorrenti kien qiegħed jheddidhom li jisfratta n-negozju jekk kemm il-darba ma jitħallasx. Jallegaw ukoll li r-rikorrenti beda jikkompeti mas-soċjetà intimata sabiex itellifha min-negozju li kellha ġewwa l-Libja. Ir-rikorrenti però rribatta li m'huwiex minnu li ħarbat in-negozju tal-intimata. Xehed illi hu ried sempliċement jitħallas ta' xogħolu.

Jirrizulta illi xi zmien wara li beda jithaddem l-arrangament ta' bejn il-partijiet, ir-rikorrenti beda jitlob bidla fit-termini tal-ftehim. Ir-rapprezentanti ta' Cherubino Limited jghidu li dan beda jitlob percentwali oghla ghas-servizzi tieghu. Meta Cherubino Limited irrifjutat li zzid sehem ir-rikorrenti, huwa beda jhedded illi ser jisfrattalhom in-negozju taghhom fil-Libja. Fid-dawl ta' dak li beda jigri fin-negozju taghhom fil-Libja, Cherubino waqqfet il-pagamenti lir-rikorrenti.

Fil-kawza odjerna, li permezz taghha Dr Milad Gahwagi qed jitlob il-hlas ta' dak li jallega li hu dovut lilu, is-socjeta` Cherubino qeghda teccepixxi fost hwejjeg ohra, li huwa naqas milli jonora l-obbligi tieghu skond iz-zewg kuntratti u hadem kontra l-interessi tal-kumpanija, tant li kkawzalha danni kbar.

Huwa mizmum mill-gurisprudenza illi tali eccezzjoni:

> "tista' tigi sollevata b'mod generali relattivament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu" – Carmelo Cremona vs Victor Angilieri. Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 11 ta' Ottubru 1966. L-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju tal-inadempiment da parte ta' dak haddiehor li mieghu kkuntrattat. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza taghna.

Ukoll fis-sentenza Aquilina vs Aquilina, 12 ta' Marzu 1965:

> "din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni."

Mill-gurisprudenza fuq citata johrog illi, sabiex tirnexxi l-eccezzjoni "non adempliti contractus" ikun jehtieg illi l-inadempjenza tkun tolqot obbligu tal-attur li jkun parti integrali tal-ftehim, tkun attribwibbli lilu u tkun gravi.

Il-Qorti qieset il-provi prodotti fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata u ssib li Cherubino Limited hija gustifikata tqajjem l-inadempjenza ta' Dr Gahwagi fid-difiza taghha ghax-xilja tieghu.

Il-Qorti qieset partikolarment il-kampanja ta' theddid esegwita mir-rikorrenti meta Cherubino rrifjuta t-talba tieghu ghal hlas oghla. Id-diversi emails esebiti in atti jikkonfermaw dettaljatament il-kampanja u l-izvolgiment taghha. Dan it-theddid kien esegwit kemm personalment kif ukoll tramite terza persuna. Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti u fuq domandi tal-Qorti stess, huwa ammetta dan. Fi kliemu stess:

> "Once he stopped paying us, what you do in my position?" (fol.270)

Dr Francis Cherubino jikkonferma illi granet wara c-cahda tat-talba tar-rikorrenti ghall-hlas oghla, beda jigi kancellat ix-xoghol mill-MSO (fol. 368 B). Meta l-istess Dr Cherubino acceda fl-ufficcji tal-Ministeru tas-Sahha fit-Tripli biex jindaga, huwa sab il-konferma ta' dak li kien qieghed jissuspetta. B'hekk jirrizulta li ntilfet ordni b'valur ta' €2.8 miljuni. Ix-xhieda ta' Dr Cherubino ma gietx kontradetta. Anzi l-fatti kif graw gew konfermati minn Dr Marcello Cherubino, Chief Executive Officer tal-kumpanija intimata.

In-nuqqas ta' Dr Gahwagi li jindokra l-interessi ta' Cherubino Limited lahaq il-qofol meta Sanati Pasteur, ditta farmacewtika li Cherubino kienet ilha tirraprezenta fil-Libja ghal snin twal b'success kbir (ara fol 358) ghazlet li ttemm hesrem ir-relazzjoni kummercjali taghha ma' Cherubino Limited u hatret bhala agent taghha fil-Libja lis-socjeta` Senna Pharmaceutical Medical Equipment, socjeta` din li tappartjeni lir-rikorrenti tramite familjari tieghu. Jirrizulta illi din is-socjeta` giet mahluqa ftit zmien wara li ffirmar tal-kuntratti bejn il-partijiet. Il-Qorti hija moralment konvinta li dan kollu ma garax b'kumbinazzjoni.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija konvinta li Dr Gahwagi ma onorax l-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratti li kellu ma’ Cherubino Limited u dan f’materji ta’ gravita kbira li jidher li wasslu ghal telf lis-socjeta` Cherubino. Kif irriteniet il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fis-sentenza C99/2474 kif citata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Engineering Services Limited vs Reuters Malta Limited (20 ta’ Ottubru 2003):

> “… l’eccezione e` stata ritenuta opponibile anche nel caso di inadempimento di obbligazioni accessorie, quando questi abbiano un’importanza rilevante nell’economia dell’affare”.

Meqjusa gustifikata din l-eccezzjoni, il-Qorti m’hijiex sejra tindaga oltre dan, pero`, bl-istess rizerva maghmula minn Cherubino Limited fir-risposta guramentata taghhom ghal dikjarazzjoni ta’ terminazzjoni tal-kuntratti datati 22 ta’ Frar 2012.

Ghaldaqstant, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha ta’ Dr Milad Gahwagi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Dr Milad Gahwagi.

IMHALLEF

DEP/REG